# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/127/KE

## tat-18 ta' Diċembru 2008

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta sustanzi attivi

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002 [2] u (KE) Nru 2229/2004 [3] jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu evalwati, bl-għan li jiġu possibbilment inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista tinkludi s-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness għal din id-Direttiva.

(2) Bir-Regolament (KE) Nru 1095/2004 [4] ddaħħal Artikolu 24b ġdid fir-Regolament (KE) Nru 2229/2004 biex jippermetti sustanzi attivi li għalihom hemm indikazzjonijiet ċari li jista' jkun mistenni li ma għandhomx effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bnedmin jew dik tal-annimali jew fuq l-ilma ta' taħt l-art jew xi influwenza mhux aċċettabbli fuq l-ambjent, biex jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mingħajr ma ntalab parir xjentifiku dettaljat mill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza tal-Ikel (EFSA).

(3) Għas-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness ta' din id-Direttiva l-Kummissjoni eżaminat skont l-Artikolu 24a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004 l-effetti fuq is-saħħa tal-bnedmin, l-annimali, l-ilma ta' taħt l-art u l-ambjent għal użi varji proposti min-notifikanti, bil-konklużjoni li dawk is-sustanzi attivi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 24b tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004.

(4) Skont l-Artikolu 25 (1) tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004 l-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' rapporti ta' reviżjoni għal sustanzi attivi mniżżla fl-Anness ta' din id-Direttiva lill-Kumitat Permanenti tal-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali, biex jiġi eżaminat. Dawn ir-rapporti saritilhom reviżjoni mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti tal-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali u ġew finalizzati fit-28 ta' Marzu 2008 fil-format tar-rapporti ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004 l-Kummissjoni se titlob lill-EFSA biex tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tar-rapporti ta' reviżjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010.

(5) Minn eżamijiet varji li saru deher li prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi mniżżla fl-Anness għal din id-Direttiva jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi li ġew eżaminati u dettaljati fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk huwa xieraq li jkunu inklużi fl-Anness I għal dik id-Direttiva s-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness għal din id-Direttiva, sabiex ikun żgurat li fl-Istati Membri kollha l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva jistgħu jingħataw skont id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(6) Għandu jitħalla jiskadi perjodu raġjonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I biex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li se jirriżultaw mill-inklużjoni.

(7) Bla ħsara għall-obbligi definiti mid-Direttiva 91/414/KEE bħala konsegwenza tal-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jagħmlu reviżjoni ta' awtorizzazjonijiet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi mniżżla fl-Anness biex jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 91/414/KEE, u b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness I, huma ssodisfati. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, jibdlu jew jirtiraw, kif xieraq, awtorizzazzjonijiet eżistenti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. Permezz ta' deroga mill-iskadenza stabbilita hawn fuq, għandu jingħata perjodu itwal għall-preżentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-fajl komplut tal-Anness III ta' kull prodott għall-ħarsien tal-pjanti għal kull użu maħsub skont il-prinċipji uniformi stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 168, 27.6.2002, p. 14.
[3] ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.
[4] ĠU L 246, 21.9.2007, p. 19.

(8) L-esperjenza miksuba minn inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi evalwati fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92 uriet li jistgħu jinqalgħu xi diffikultajiet fl-interpretazzjoni tad-dmirijiet ta' detenturi ta' awtorizzazzjonijiet eżistenti dwar l-aċċess għad-dejta. Għalhekk biex jiġu evitati aktar diffikultajiet jidher li huwa meħtieġ li d-dmirijiet tal-Istati Membri jiġu ċċarati, speċjalment id-dmir li jivverifikaw li d-detentur ta' awtorizzazzjoni juri li għandu aċċess għal dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' din id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponix xi obbligi ġodda fuq l-Istati Membri jew id-detenturi ta' awtorizzazzjonijiet meta mqabbla mad-direttivi li ġew adottati sa issa li jemendaw l-Anness I.

(9) Għalhekk huwa xieraq li tiġi emendata d-Direttiva 91/414/KEE skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri ser jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2010 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Marzu 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom f'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE, fejn hu meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness ħala sustanzi attivi sat-28 ta' Frar 2010.

Sa dik id-data huma għandhom b'mod partikolari jivverifikaw li l-kundizzjonijiet fl-Anness I għal dik id-Direttiva dwar is-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness jiġu ssodisfatti, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-annotazzjoni li tirrigwarda dik is-sustanza attiva, u li d-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet jkollhom, jew ikollhom aċċess għal, fajls li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness II għal dik id-Direttiva skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih wieħed mis-sutanzi attivi mniżżla fl-Anness jew ħala l-unika sustanza attiva jew ħala waħda mill-ħafna sustanzi attivi li kollha kienu mniżżla fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2009, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jevalwaw il-prodott skont il-prinċipji uniformi pprovduti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III għal dik id-Direttiva u li jikkunsidra l-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I għal dik id-Direttiva dwar is-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, huma għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li jistabbilixxu dan l-Istati Membri għandhom:

(a) fil-każ ta' prodott li jkun fih wieħed mis-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness ħala sustanza attiva ewlenija, fejn ikun meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2015; jew

(b) fil-każ ta' prodott li jkun fih is-sustanzi attivi mniżżla fl-Anness ħala waħda minn ħafna sustanzi attivi, fejn ikun meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Awwissu 2015 jew sad-data ffissata għal emenda ħal din jew l-irtirar tagħha fid-Direttiva jew Direttivi rispettivi li inkludiet/inkludew is-sustanza jew sustanzi rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, tkun liema tkun dik tal-aħħar.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2009.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-annotazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fl-aħħar tat-tabella fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KE:

| Nru | Isem Komuni,<br>Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (1) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "224 | Aċidu aċetiku<br>Nru CAS: 64-19-7<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Aċidu aċetiku | ≥ 980 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-aċidu aċetiku (SANCO/2602/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 225 | Sulfat tal-ammonju tal-aluminju<br>Nru CAS: 7784-26-1<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Sulfat tal-ammonju tal-aluminju | ≥ 960 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-sulfat tal-ammonju tal-aluminju (SANCO/2985/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 226 | Silikat tal-aluminju<br>Nru CAS: 1332-58-7<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Mhux disponibbli<br>Isem kimiku: Il-kawlina | ≥ 999,8 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-silikat tal-aluminju (SANCO/2603/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (1) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 227 | Aċetat tal-ammonju<br>Nru CAS: 631-61-8<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Aċetat tal-ammonju | ≥ 970 g/kg<br>Impurità rilevanti Metalli Tqal bħal Pb massimu 10 ppm | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala attirant biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-aċetat tal-ammonju (SANCO/2986/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 228 | Smida tad-demm.<br>Nru CAS: mhux assenjat<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Mhux disponibbli | ≥ 990 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. Is-smida tad-demm trid tkun f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-smida tad-demm (SANCO/2604/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 229 | Calcium carbide<br>Nru CAS: 75-20-7<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Calcium carbide<br>Calcium acetylide | ≥ 765 g/kg<br>Li fih 0,08-0,52 g/kg ta' Calcium Phosphide | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-calcium carbide (SANCO/2605/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |

| Nru | Isem Komuni,<br>Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (1) | Dhul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 230 | Karbonat tal-kalċju<br>Nru CAS: 471-34-1<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Calcium carbonate | ≥ 995 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-karbonat tal-kalċju (SANCO/2606/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 231 | Diossidu tal-karbonju<br>Nru CAS: 124-38-9 | Diossidu tal-karbonju | ≥ 99,9 % | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala fumigant biss jista' jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-diossidu tal-karbonju (SANCO/2987/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 232 | Denathonium benzoate<br>Nru CAS: 3734-33-6<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Benzyldiethyl[[2,6-xylylcarbamoyl]methyl]ammonium benzoate | ≥ 995 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-denathonium benzoate (SANCO/2607/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (1) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 233 | Ethylene<br>Nru CAS: 74-85-1<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Ethene | ≥ 99 % | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-ethylene (SANCO/2608/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 234 | Estratt mis-siġra tat-te<br>Nru CAS: Żejt tas-Siġra tat-Te 68647-73-4<br>Komponenti ewlenin:<br>terpinen-4-ol 562-74-3<br>γ-terpinene 99-85-4<br>α-terpinene 99-86-5<br>1,8-cineol 470-82-6<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Iż-Żejt tas-Siġra tat-Te hija taħlita kumplessa ta' sustanzi kimiċi. | Komponenti ewlenin:<br>terpinen-4-ol ≥ 300 g/kg<br>γ-terpinene ≥ 100 g/kg<br>α-terpinene ≥ 50 g/kg<br>1,8-cineol traċċja | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-estratt mis-siġra tat-te (SANCO/2609/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 235 | Residw mid-distillazzjoni tax-xaħam<br>Nru CAS: mhux assenjat<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | mhux disponibbli | ≥ 40 % tal-aċidi grassi separati<br>Impurità rilevanti Ni massimu ta' 200 mg/Kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. Ir-residwi tad-distillazzjoni tax-xaħam li jiġi mill-annimali jridu jkunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar ir-residwi tad-distillazzjoni tax-xaħam (SANCO/2610/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (1) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 236 | Aċidi grassi $C_7$ to $C_{20}$<br>Nru CAS: 112-05-0 (Aċidu Pelargoniku)<br>67701-09-1 (Aċidi grassi $C_7$-$C_{18}$ u $C_{18}$ imluħ mhux saturati tal-potassju)<br>124-07-2 (Aċidu Kapriliku)<br>334-48-5 (Aċidu Kapriku)<br>143-07-7 (Aċidu Lawriku)<br>112-80-1 (Aċidu Olejku)<br>85566-26-3 (Aċidi grassi $C_8$-$C_{10}$ Esteri Me)<br>111-11-5 (Methyl octanoate)<br>110-42-9 (Methyl decanoate)<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Aċidu nonaoiku<br>Aċidu Kapriliku, Aċidu Pelargoniku, Aċidu Kapriku, Aċidu Lawriku, Aċidu Olejku (ISO f'kull każ)<br>Aċidu Oktanojku, Aċidu Nonanojku, Aċidu Dekanojku, Aċidu Dodekanojku, Aċidu Oktadekanojku cis-9 (IUPAC f'kull każ)<br>Aċidi grassi, $C_7$-$C_{10}$, esteri Me | ≥ 889 g/kg (Aċidu Pelargoniku)<br>≥ 838 g/kg aċidi grassi<br>≥ 99 % aċidi grassi methyl esters | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala insettiċida, akariċida, u erbiċida u bħala regolatur għat-tkabbir tal-pjanti biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-aċidi grassi (SANCO/2610/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 237 | Estratt tat-tewm<br>Nru CAS: 8008-99-9<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Konċentrat ta' meraq tat-tewm bi grad ta' ikel | ≥ 99,9 % | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent, insettiċida jew nematiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-estratt tat-tewm (SANCO/2612/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (1) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 238 | Gibberellic acid<br>Nru CAS: 77-06-5<br>Nru CIPAC: 307 | (3S,3aS,4S,4aS,7-S,9aR,9bR,12S)-7,12-dihydroxy-3-methyl-6-methylene-2-oxoperhydro-4a,7-methano-9b,3-propenol(1,2-b)furan-4-carboxylic acid<br>Alt: (3S,3aR,4S,4aS,6-S,8aR,8bR,11S)- 6,11-dihydroxy-3-methyl-12-methylene-2-oxo-4a,6-methano-3,8b-prop-lenoperhydroindenol (1,2-b) furan-4-carboxylic acid | ≥ 850 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-gibberellic acid (SANCO/2613/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 239 | Gibberellins<br>Nru CAS: GA4: 468-44-0<br>GA7: 510-75-8<br>Taħlita ta' GA4A7: 8030-53-3<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | GA4:<br>(3S,3aR,4S,4aR,7R,9aR,9bR,12S)-12-hydroxy-3-methyl-6-methylene-2-oxoperhydro-4a,7-methano-3,9b-propanoazuleno[1,2-b]furan-4-carboxylic acid<br>GA7:<br>(3S,3aR,4S,4aR,7R,9aR,9bR,12S)-12-hydroxy-3-methyl-6-methylene-2-oxoperhydro-4a,7-methano-9b,3-propenoazuleno[1,2-b]furan-4-carboxylic acid | Rapport ta' reviżjoni (SANCO/2614/2008). | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-gibberellins (SANCO/2614/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 240 | Proteini idrolizzati<br>Idrolisat tal-urea tal-ġulepp tal-pitravi<br>Idrolisat tal-proteina tal-kollaġni<br>Nru CAS: mhux assenjat<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | mhux disponibbli | Idrolisat tal-urea tal-ġulepp tal-pitravi: Ekwivalenti ta' Proteina minima fi stat naturali 360 gr/kg 360 g/kg (36 % w/w)<br>Idrolisat tal-proteina tal-kollaġni: kontenut ta' nitroġenu organiku > 240 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użu bħala attirant biss jista' jiġi awtorizzat. Proteini idrolizzati li ġejjin mill-annimali jridu jkunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 1774/2002<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-proteini idrolizzati (SANCO/2615/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |

| Nru | Isem Komuni,<br>Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (1) | Dhul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 241 | Sulfat tal-ħadid<br><br>Anidru tas-sulfat tal-ħadid(II):<br>Nru CAS: 7720-78-7<br><br>Monoidrat tas-sulfat tal-ħadid(II):<br>Nru CAS: 17375-41-6<br><br>Ettaidrat tas-sulfat tal-ħadid(II):<br>Nru CAS: 7782-63-0<br><br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Sulfat tal-ħadid(II) | Anidru tas-sulfat tal-ħadid(II)<br>≥ 367,5 g/kg<br><br>Monoidrat tas-sulfat tal-ħadid(II) ≥ 300 g/kg<br><br>Ettaidrat tas-sulfat tal-ħadid(II) ≥ 180 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br><br>L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br><br>PARTI B<br><br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-sulfat tal-ħadid (SANCO/2616/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br><br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 242 | Kieselgur (Trab tad-dijatoma)<br><br>Nru CAS: 61790-53-2<br><br>Nru CIPAC: 647 | Kieselgur (trab tad-dijatoma) | 920 ± 20 g $SiO_2$/kg DE<br><br>Massimu ta' 0.1 % ta' partiċelli ta' Silika Kristallina (b'dijametru anqas minn 50 um.) | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br><br>L-użi bħala insettiċidi u akariċidi biss jistgħu jiġu awtorizzati.<br><br>PARTI B<br><br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-kieselgur (SANCO/2617/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br><br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |

| Nru | Isem Komuni,<br>Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (1) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 243 | Ġebla tal-ġir<br>Nru CAS: 1317-65-3<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | mhux disponibbli | ≥ 980 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-ġebla tal-ġir (SANCO/2618/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |
| 244 | Methyl nonyl ketone<br>Nru CAS: 112-12-9<br>Nru CIPAC: mhux assenjat | Undecan-2-one | ≥ 975 g/kg | 1 ta' Settembru 2009 | 31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br>L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-methylnonyl ketone (SANCO/2619/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.<br>Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. |

| Nru | Isem Komuni,<br>Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (1) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
